MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 993/2008

**Mario Gerada**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru**
**Il-Ministru ghall-Politika Socjali**
**It-Tabib Principali tal-Gvern**
**Id-Direttur Generali (Health Care Services)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat it-2 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi hu kien impjegat bhala "*full-time nurse*" mal-Gvern u kien jippresta s-servizzi tieghu fid-Divizjoni tas-Sahha fi hdan il-Ministeru ghall-Politika Socjali;

2. Illi fit-2 t'April, 2008, ir-rikorrenti kien gie mgharraf b'semplici ittra, li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat b'effett immedjat, (ara fol 4 et sequitur);

3. Illi jirrizulta di piu`, li fl-istess ittra ndikata fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrenti kien hemm gie ndikat bhala wiehed impjegat "*casual*" – haga li qatt ma kienet u li l-istess rikorrenti jirrifjutha, (ara wkoll fol 4 et sequitur);

4. Illi r-rikorrenti qatt ma nghata r-raguni mill-intimati ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu;

5. Illi konsegwenza tal-istess, huwa qatt ma nghata l-opportunita` li jiddefendi l-pozizzjoni tieghu;

6. Illi l-proceduri stipulati fil-ligi ghal terminazzjoni mill-impjieg qatt ma gew segwiti mill-intimati fil-konfront tar-rikorrenti;

7. Illi sussegwentement ir-rikorrenti skopra li l-intimati, jew min minnhom, anke rregistraw dikjarazzjoni inveritjiera mal-Korporazzjoni ta' l-Impjiegi u Tahrig fil-formola tat-tmiem ta' l-impjieg tieghu meta gie minnhom dikjarat li kien *irrizenja* mill-impjieg, (ara fol 5 et sequitur);

8. Illi l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol anke laqghet appell intavolat mir-rikorrenti kif jidher mid-decizjoni taghha datata t-23 ta' Settembru, 2008, (ara fol 6 et sequitur);

9. Illi d-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg mehuda fil-konfront tar-rikorrenti hi *ultra vires* ghaliex mehuda bi ksur tal-principju tal-gustizzja naturali u minghajr ma gew segwiti l-proceduri mandatorji skont il-ligi;

10. Illi di piu`, it-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti tmur kontra l-ligi;

Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti ghalhekk sejjah lill-intimati fuq indikati quddiem din il-qorti biex jghidu ghaliex din m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li d-decizjoni li l-impjieg tar-rikorrenti jigi terminat hi *ultra vires* peress li ttiehdet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u minghajr ma gew segwiti l-proceduri mandatorji skont il-ligi, u inoltre, li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti tmur kontra l-ligi;

2. Tiddikjara t-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti bhala nulla, invalida u minghajr effett;

3. Tordna ghalhekk li r-rikorenti jinghata lura l-impjieg tieghu u jigi *reinstated in status quo ante* fl-impjieg tieghu u bid-drittijiet kollha tieghu;

4. Tiddikjara li l-intimati kkagunaw danni lir-rikorrenti minhabba l-agir abbuziv taghhom u konsegwentement tillikwida d-danni de quo u tikkundanna lill-intimati jhallsu d-danni hekk likwidati;

5. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors promotur fuq riferit kontra l-intimati;

Rat ir-risposta tal-intimati datata l-11 ta’ Novembru, 2008, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

1. Illi preliminarjament il-Prim Ministru, il-Ministru ghall-Politika Socjali u d-Direttur Generali (*Health Care Services*) m’humiex il-legittimi kontraditturi stante li d-decizjoni amministrattiva li l-impjieg tar-rikorrenti jigi terminat ma ttehditx minnhom;

2. Illi r-rikorrenti kien impjegat mad-Dipartiment tas-Sahha bhala “*casual nurse*”;

3. Illi r-rikorrenti kien gie mpjegat wara li kien issottometta talba ghal dan il-ghan;

4. Illi r-rikorrenti ma kienx impjegat wara sejha pubblika biex jintghazel biex jahdem wara process ta’ ghazla mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku;

5. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-impjieg tieghu kien wiehed "*full-time*" hija nfondata;
6. Illi la r-rikorrenti ma kienx "*ufficcjal pubbliku*" ma japplikawx ir-regolamenti ta' dixxiplina u l-impjieg tieghu seta' jigi terminat immedjatament;

7. Illi l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat wara diversi rapporti li naqas serjament mid-doveri professjonali tieghu;

8. Illi r-rikorenti ma kienx qed jaghti servizz misthoqq lill-pazjenti b'riskju serju ghal sahhithom;

9. Illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti kien att doveruz u misthoqq u bl-ebda mod ma kienet azzjoni li ghandha titqies *ultra vires*;

10. Illi d-dikjarazzjoni rilaxxata lill-Korporazzjoni ta' l-Impjieg u Tahrig illi r-rikorrenti kien irrizenja mill-impjieg tieghu u mhux li l-impjieg tieghu kien gie terminat, kienet saret biex ma tigix pregudikata l-possibilita' li l-istess rikorrenti jsib impjieg iehor;

11. Illi t-talba tar-rikorenti li t-terminazzjoni de quo tigi dikjarata nulla; invalida u minghajr effett, ghandha tigi michuda stante li mhix il-mansjoni ta' din il-qorti li tissostitwixxi l-gudizju ta' min jimpjega aktar u aktar meta jirrizulta li r-rikorrenti agixxa b'mod abbuziv u rresponsabbli waqt il-qadi ta' dmirijietu;

12. Illi bl-istess mod, mhix il-mansjoni tal-qorti li tordna "*re-instatement*" tar-rikorrenti stante li d-diskrezzjoni rigward l-ingaggar ta' mpjegati tispetta lil min ihaddem u hi dettata mill-htigijiet tieghu u mill-hiliet riskontrati;

13. Illi fid-dawl tas-suespost, din it-talba ghad-dikjarazjzoni ta' nullita` tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

14. Illi l-intimati m'ghandhomx jigu akkollati bid-danni rikjamati stante li l-ebda danni ma kienu kkagunati;

15. Illi mhux biss, izda t-terminazzjoni tal-impjieg in dizamina sar biex jigu evitati danni lill-pazjenti;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-11 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu ordnat l-inverzjoni tal-provi, (ara fol 22 et sequitur), u hatret assistent gudizzjarju biex jisma' l-provi kollha, (ara wkoll fol 22 et sequitur);

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali datata l-10 ta' Jannar, 2012, li permezz taghha pprezenta in atti l-inkartament lilu mghoddi mill-assistent gudizzjarju fuq riferit, (ara fol 69 et sequitur);

Ezaminat ix-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq indikat;

Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha kif issa preseduta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern u tar-rikorrenti rispettivament datati l-20 ta' Lulju, 2012 u s-6 ta' Settembru, tal-istess sena;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigu ezaminati l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna ghandu jigi rilevat preliminarjament is-segwenti:

1. Illi l-procedura odjerna hi ndirizzata mir-rikorrenti Gerada lid-diversi ntimati ndikati fl-okkju tal-kawza odjerna, effettivament zewg (2) membri tal-Ezekuttiv u zewg (2) membri gholja tal-amministrazzjoni pubblika;

2. Illi kif ritenut mill-istess intimati fir-risposta taghhom ghat-talbiet tar-rikorrenti ghandu jkun pacifiku li z-zewg (2) membri tal-Ezekuttiv hemm indikati huma estranei ghall-vertenza odjerna stante li ma jirrizulta li

hemm l-ebda rabta jew ness fir-rigward mar-rikorrenti, u ghalhekk qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi minn naha l-ohra t-Tabib Principali tal-Gvern u d-Direttur Generali (*Health Care Services*) ghandhom rabta jew ness dirett fir-rigward tar-rikorrenti u konsegwentement it-talbiet in dizamina huma legittimament diretti fil-konfront taghhom stante li hu huma li jmexxu s-servizzi tas-sahha li fihom zvolgew l-atti in dizamina, u stante li l-azzjoni mehuda fil-konfront tar-rikorrenti ttiehdet f'isimhom;

Ikkunsidrat:

Illi fl-affermazzjoni addirittura **guramentata** tat-Tabib Principali tal-Gvern inkluza fil-paragrafu numru 6 tar-risposta **guramentata** tieghu li:

" … (i) ddikjarazzjoni lill-korporazzjoni ta' l-Impjieg u Tahrig illi l-attur kien "*resigned*" u mhux "*terminated*", saret hekk, sabiex ma jigix ippregudikati ic-"*chances*" ta' l-attur ghal impjieg futur"

Hi ferm preokkupanti u timmerita s-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Illi d-dikjarazzjoni de quo hi maghmula minn impjegat pubbliku li jagixxi in *buona fede* u ghandu l-obbligu li dejjem u fi kwalunkwe cirkostanza jiddikjara l-verita` u xejn aktar;

2. Illi di piu`, din id-dikjarazzjoni giet minnu hekk inserita f'dokument pubbliku li jintuza anke bhala verifika minn min ikun irid sussegwentement jimpjega li persuna kkoncernata li jkollu d-dritt li jistenna li d-dikjarazzjoni hemm riportata tirrifletti l-verita` tal-akkadut u mhux verzjoni ffalsifikata mill-istess redattur taghha;

3. Illi ghalhekk l-ufficcjal pubbliku kkoncernat, it-Tabib Principali tal-Gvern, lanqas jidher li jisthi meta dan jiddikjara minghajr tlaqlieq li:

i. Dahhal informazzjoni li ma tirriflettix il-verita`;

ii. Konsegwenza tal-istess dan l-intimat qed jammetti li:

a. Nqaqas mill-obbligi tieghu tal-*buona fede* fl-agir tieghu ta' ufficcjal pubbliku u naqas jghid il-verita`;

b. Ghalhekk qieghed iqarraq b'kull min sussegwentement ikun kostrett jezamina l-istess dokument minnu ufficcjalment rilaxxat biex ikun jista' jifforma l-opinjoni tieghu rigwardanti l-applikant li jipprezentha ghal dan l-iskrutinju;

4. Illi tali falsifikazzjoni tar-realta` hi ta' min jistmerrha bl-aktar mod iebes u qed jigi awspikat li min hu dovut ghandu d-dover li jiehu l-passi necessarji biex jippenalizza lil min hu responsabbli ghall-istess dokumentazzjoni falza u jassigura ruhu li dan ma jergax jigi ripetut min ufficcjali pubblici biex b'hekk tkun zgurata s-serjeta` u l-affidabilita` ta' kull dokumentazzjoni pubblika tant essenzjali ghall-assikurazzjoni ta' servizz verament pubbliku u verament serju;

5. Illi r-raguni mressqa mill-intimat li din id-dikjarazjzoni falza saret bil-ghan li ma jigix pregudikat xi mpjieg futur li r-rikorenti jista' eventwalment japplika ghalih ma treggix stante li konsegwenza tal-istess, dak li sussegwentement jistrieh fuq din l-istess dikjarazzjoni falza ufficcjalment sancita ikun qed jaghmel hekk a bazi ta' dikjarazzjoni t'awtorita` pubblika li ghandha d-dover li tesponi r-realta` tal-akkadut u mhux timmanipulah b'qerq sancit mill-istess ufficcjalita` amministrattiva li qed tirrapprezenta biex b'hekk min sussegwentement jimpjega lil xi persuna munit b'tali dikjarazzjoni falza, jkun pregudikat billi qatt ma jkollu quddiemu l-istampa vera li tippermettilu jifforma opinjoni serja bbazata fuq ir-realta` vera;

6. Illi b'hekk l-interessi ta' min ikun qed jafda l-azjenda tieghu f'idejn tali mpjegat u l-istess interessi u kedibilita` tal-agenzija li qed tirrilaxxa tali dokumenti jigu mminati subdolament u ghalhekk, difficilment rimedjabbli;

Ikkunsidrat:

Illi skont ir-rikorrenti l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ilu jahdem bhala nfermier "*full-time*" ghal aktar minn tnejn u tletin (32) sena, originarjament mad-Dipartiment tas-Sahha minn fejn irrezenja fl-2003;

2. Illi wara ftehim bejn il-Gvern u l-Unions, ir-rikorrenti applika fl-2007 biex jigi "*reinstated"* bhala "*full time nurse*", fejn it-talba tieghu kienet giet milqugha u kien gie assenjat "*on secondment*" mad-Dipartiment tas-Sahha biex jahdem l-Isptar Zammit Clapp;

3. Illi nonostante li r-rikorrenti kien gie hekk ingaggat, jirrizulta li qatt ma nghata kopja tal-kuntratt ta' mpjieg;

4. Illi meta r-rikorrenti ghamel l-indagini tieghu fir-rigward kien sorprendentement infurmat li kien gie mpjegat biss bhala "*casual nurse*" minflok il-grad li originarjament applika ghalih u accettat;

5. Illi skont l-istess rikorrenti l-impjieg tieghu in dizamina kien ufficcjalment jirrizulta li kien ingaggat bhala "*full time nurse*" u ghal zmien indefinit – u mhux kif kien issa qed jigi nfurmat mill-assistent direttur minnu ndikat;

6. Illi in effetti, l-allegazzjoni tar-rikorrenti ndikata fil-paragrafu precedenti, hi debitament suffragata mid-dokument ufficcjalment rilaxxat mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig min issa l' quddiem riferita bhala E.T.C., datat it-13 t'April, 2008, (ara fol 5 et sequitur);

7. Illi permezz ta’ telefonata kazwali r-rikorrenti kien gie nfurmat biex mill-ghada ma jidholx aktar ghax-xoghol peress li ma kienx “*up to standard*” u li kien ha jircievi ittra mid-Dipartiment tas-Sahha f’dan is-sens, (ara fol 59 et sequitur);

8. Illi jidher li fl-istess telefonata r-rikorrenti kien gie wkoll minaccat li jekk ikellem lil xi hadd mill-istaff kien ser jigi rrappurtat lill-Pulizija;

9. Illi dan l-agir issorprenda ghal kollox lir-rikorrenti li qatt ma kien irceva lmenti qabel mis-superjuri tieghu rigward ix-xoghol tieghu fl-imsemmi sptar;

10. Illi effettivament it-terminazzjoni skritta tal-impjieg tar-rikorrenti ntbaghtet lilu permezz ta’ *e-mail* mill-assistent direttur fuq gia` riferit u kienet b’effett immedjat;

11. Illi sussegwentement intbaghtet ukoll ittra f’dan is-sens lir-rikorrenti;

12. Illi jirrizulta li l-imsemmi assistent direttur kien ukoll baghat ghar-rikorrenti fuq din il-kwistjoni izda dan tal-ahhar isostni li:

i. Qatt ma nghata l-opportunita` jiddefendi lilu nnifsu;

ii. Ma nghata l-ebda raguni ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg;

13. Illi sussegwentement jirrizulta li r-rikorrenti kien infurmat mill-E.T.C. fuq riferita li l-formola li ntbaghtet lilhom mill-principal tieghu kienet tindika li hu kien irrizenja mill-impjieg;

14. Illi r-rikorrenti kien appella fir-rigward quddiem l-Awtorita` Nazzjonali tax-Xoghol stante li dak affermat mill-principal tieghu ma kienx jirrifletti l-verita` tal-akkadut, u effettivament l-appell de quo kien gie deciz favur l-istess rikorrenti;

15. Illi jidher li l-assistent direttur in dizamina ghamel ukoll xi rapporti allegatament foloz lill-Pulizija fil-konfront tar-rikorrenti li konsegwenza tal-istess ittiehdet ukoll procedura kriminali kontra r-rikorrenti li l-ezitu taghha pero` intemmet favur l-istess rikorrenti;

16. Illi r-rikorrenti jafferma li la nghata raguni ghat-tkeccija tieghu u lanqas inghata l-opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu fir-rigward;

17. Illi l-ezitu ta' dawn il-passi serji mehuda kontra tieghu wassli lir-rikorrenti biex jidhol f'"*depression*";

18. Illi wara li r-rikorrenti kien kiteb lid-Direttur tal-infermiera fil-21 ta' Lulju, 2008, kien informa ghall-ewwel darba permezz tal-korrispondenza datata d-29 ta' Settembru, 2008, li kien hemm xi rapporti fuqu u li kien ser jigi nvestigat minn *Nursing and Midwifery Council* u bl-aktar mod kontradittorju fl-istess ittra de quo kien ukoll infurmat li seta' jerga' japplika ghal infermier "*full time*" meta terga' tinhareg sejha ohra ghall-impjieg;

19. Illi effettivament il-Kunsill fuq indikat waqqaf Bord appozitu biex jinvestiga l-lanjanzi allegati kontra r-rikorrenti izda wara xi sottomissjonijiet, il-kaz kien differit *sine die*;

20. Illi r-rikorrenti jsostni li bhala nfermier dejjem mexa b'mod professjonali, serju, onest u dejjem gab fuq quddiem sahhet il-pazjent;

21. Illi r-rikorrenti jsostni wkoll li l-allegazzjonijiet tal-assistent direttur fil-konfront tieghu huma foloz fis-sens li qatt ma mar ghandu b'xi ittra biex jibda jahdem bhala nfermier "*part-time*";

22. Illi meta sehhu l-fatti in dizamina (2008), ir-rikorrenti kellu tnejn u hamsin, (52) sena u peress li kien jista' jirtira meta jaghlaq it-tlieta u sittin, (63) sena, kien ghad kellu hdax (11) –il sena xoghol ohra possibbli quddiemu;

23. Illi peress li l-paga annwa tar-rikorrenti kienet ta’ tmintax –il elf Ewro, (€18,000.00), fis-sena, l-ammont komplessiv ta’ salarju mitluf mir-rikorrenti jammonta ghal mija u tmienja u disghin elf Ewro, (€198,000.00);

Ikkunsidrat:

Illi l-verzjoni rilevanti tal-intimati tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi fuq “*e-mail*” li rceva mill-“*Manager Nursing*” tal-isptar Zammit Clapp fit-2 t’April, 2008, l-impjieg tar-rikorrenti kien gie terminat b’effett immedjat mill-assistent direttur tad-Dipartiment tas-Sahha;

2. Illi fix-xhieda guramentata tieghu quddiem l-assistent gudizzjarju nominat, l-imsemmi assistent direttur assuma wkoll ir-responsabbilita` li jindika l-kelma “*resigned*” minflok “*dismissed*” fid-dokumenti ufficcjali tieghu rikjesti mill-ligi f’dawn ic-cirkostanzi allegatament biex:

“ … ma tidhrix bhala tebgha kerha f’kaz jekk is-Sur Gerada kellu jmur jahdem f’xi post iehor”, (ara fol 71 et sequitur);

3. Illi skont in-“*Nursing Manager*” involuta jirrizulta li kien hemm xi allegazzjonijiet ta’ xi nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti fix-xoghol tieghu fl-isptar Zammit Clapp, liema allegazzjonijiet gew irrappurtati lis-superjuri taghha;

4. Illi di piu`, ssostni wkoll li baghtet ghar-rikorrenti fuq dawn l-allegazzjonijiet – fatt li hu robustament kontestat u konfutat mill-istess rikorrenti;

5. Illi d-Direttur Generali kkoncernat isostni li kien l-obbligu tal-Kap tad-Dipartiment li jittermina l-impjieg tar-rikorrenti ghaliex kien car li kien hemm riskju ghall-pazjenti, (ara fol 77 et sequitur);

6. Illi skont l-assistent direttur fuq riferit ir-rikorrenti ma kienx minnu meqjus bhala ufficcjal pubbliku u allura hass li ma kellux ghalfejn jibghat ghalih, (ara fol 129 et sequitur);

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tar-rizultanzi kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi hu allegat li kien hemm xi lanjanzi ndirizzati fil-konfront tar-rikorrenti, liema lanjanzi ma jirrizultax li huma ta’ xi portata serja stante li jekk huma hekk meqjusa minn min hu dovut, l-impjieg tal-maggoranza tal-infermiera hu tassew pregudikat;

2. Illi di piu`, jirrizulta li l-procedura adottata mill-ufficcjali pubblici nvoluti lanqas tista’ tikkwalifika bhala wahda sommarja ghaliex tali kwalifika tkun tfisser li ghall-anqas, xi forma ta’ procedura analitika tal-fatti allegati u ta’ kontroll mill-kontroparti kien hemm;

3. Illi li jirrizulta lil din il-qorti hu biss li *forsi* seta’ kien hemm xi lmenti – jista’ wkoll effettivament jirrizulta li dawn setghu ukoll gew ivvintati bl-iskop li joskuraw lir-rikorrenti – stante li l-ebda possibilita` ta’ verifika jew ta’ difiza ma kienet stabbilita fir-rigward tal-istess u ghalhekk dawn qatt ma gew epurati;

4. Illi ghalhekk, il-lanjanza tar-rikorrenti li ma nghatax il-possibilita` li jiddefendi lilu nnifsu billi jikkonfronta civilment lill-allegati lanjanti fi skrutinju li anke l-istess amministrazzjoni civili tistipula u topera, hi assodata;

5. Illi dak li effettivament jirrizulta hu li xi superjuri tar-rikorrenti trasmettew xi lanjanzi generici lis-superjuri taghhom, li minghajr ma nvestigaw b’mod oggettiv u minghajr ma taw l-opportunita` lir-rikorrenti li jiddefendi lilu nnifsu, hadu l-azzjoni estrema li jkeccuh;

6. Illi di piu`, jirrizulta wkoll rivelat mill-analizi tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, li effettivament l-assistent direttur de quo kellu xi animozita` mistura fil-konfront tar-rikorrenti ghaliex kieku la kien jesaspera s-sitwazzjoni billi ma jtihiex it-trasparenza procedurali li jisthoqilha billi jinizja l-proceduri li tali sitwazzjoni kienet tirrikjedi; la jkompli jkabbarha billi jintavola rapport lill-Pulizija li ma kompliex jippersegwixxi fil-qorti ghar-ragunijiet li jafhom hu biss; u finalment lanqas iqarraq bl-E.T.C. u b'persuni ohra li setghu eventwalment jimpjegaw lir-rikorrenti fuq indikazzjonijiet tieghu stess – haga kundannabbli minghajr ebda rizervi;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti qed tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati u konsegwentement takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Illi rigward id-danni rikjamati mir-rikorrenti ssostni s-segwenti:

1. Illi wara li ezaminat id-dokumentazzjoni relattiva pprezentata mir-rikorrenti fir-rigward, (senjatament fol 63-66), tiddikjara li qed taqbel mal-komputazzjoni esposta mill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fuq gia` riferita;

2. Illi ghalhekk qed tiddikjara li l-ammont globali ta' salarju mitluf mir-rikorrenti bhala effett ta' dan l-agir kundannabbli fuq riferit hu ta' mija, tmienja u disghin elf Ewro, (€198,000.00);

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati fuq indikati, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:

1. Tiddikjara li d-decizjoni li l-impjieg tar-rikorrenti jigi terminat hi effettivament decizjoni *ultra vires*

peress li ttiehdet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u minghajr ma gew segwiti l-proceduri mandatorji skont il-ligi, u in oltre, li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorenti tmur effettivament kontra l-ligi;

2. Tiddikjara t-terminazzjoni mill-impjieg tar-rikorrenti Gerada hi nulla, invalida, u minghajr effett;

3. Tiddikjara li l-intimati Tabib Principali tal-Gvern u Direttur Generali ("*Health Care Services*") ikkagunaw danni lir-rikorrenti minhabba l-agir abbuziv taghhom;

4. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti bil-mod segwenti:

i. **Damnum Emergens**:

Fl-ammont ta' mija u tmienja u disghin elf Ewro, (€198,000.00);

ii. **Dannu Ezistenzjali**:

Illi a skans ta' dilungar u ta' ripetizzjoni inutili taghmel hawn ampja referenza ghall-parti relattiva tas-sentenza ta' din il-qorti stess kif preseduta fl-ismijiet **Dr. J. Pace et vs Dr. Fenech Adami et**, datata l-1 ta' Gunju, 2012 fejn stabbiliet ir-ragunijiet u l-kriterji ghal tali danni u konsegwentement tiffissa "*arbitrio boni viri*" dan l-ammont f'dak komplessiv ta' ghaxart elef Ewro, (€10,000.00), ghall-konsegwenzi psikologici w umiljazzjoni sofferti mir-rikorrenti kagun tal-akkadut in dizamina;

5. Tikkundanna ghalhekk lill-intimati Tabib Principali tal-Gvern u Direttur Generali ("*Health Care Services*") biex ihallsu lir-rikorrenti Mario Gerada l-ammont komplessiv ta' mitejn u tmint elef Ewro, (€208,000.00), kif indikat fil-paragrafu precedenti;

6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimati ndikati fil-paragrafu precedenti;

7. Illi finalment tirrileva li rigward it-talba tar-rikorrenti Gerada li jinghata l-impjieg tieghu lura u jigi “*reinstated” in statu quo ante* fl-impjieg tieghu precedentement minnu mizmum, jinghad li din it-talba giet superata mit-trapass taz-zmien u ghalhekk m’ghadhiex aktar rilevanti jew attwabbli, u konsegwentement, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha ghalkemm tiddikjara wkoll li hadet dan il-fatt ukoll in konsiderazzjoni tal-likwidazzjoni tad-dannu ezistenzjali fuq riferit.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------